CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

L-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.05am.

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

67.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

67.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitta u Sittin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

67.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.3.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' l-Ambaxxiatur tar- Russja rigward il-possibilita' ta' Ġemellagg mal-belt ta' Gatocina barra San Pietroburgo. Il-Kunsill lest li jikkunsidra din it-talba s-sena d-dieħla peress li din is-sena għandna ġemellaġġ mal-belt ta' Dongcheng, Cina

67.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li saret talba mad- Direttorat tar- Restawr dwar il-possibilita' li jiġu restawrati il- knejjes ta' San Nikola u San Pietru. Huma min naħa tagħhom infurmawna li dawn ix-xogħolijiet ser isiru fl-2020 peress li il-lista ta' xogħolijiet għal 2019 hija esawrita

67.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fit-18 ta' Lulju 2018 irċevejna email mid- Dipartiment Project Design and Engineering Directorate fejn infurmaw lil CRPD li ġiet sottomessa applikazzjoni ghal full development lill-PA biex jiġi installat lift il-Pjazza tas- Sur u dan wara li l-Perit Farrugia fi ħdan id- Dipartiment tax-Xogħolijiet u Infrastruttura fit- 2 ta' Lulju 2018 sostna ma' CRPD li kellu laqgħa mas- Sindku u ġiet diskussa din il- materja

Is- Sindku jrid jiddikjara li waqt il-laqgha ma' uffiċċjali fi ħdan l-istess Dipartiment li kienet saret ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill fejn fiha kien prezenti ukoll is- Segretarju Ezekuttiv kienu ġew murija pjanti u li matul din il-laqgħa għamilnija ċara ma' dawn l-istess uffiċċjali li ma naqblux ma din l-installazzjoni ta' lift minħabba ħafna raġunijiet validi fosthom li jkerraħ dawk l-inħawi fejn qed tigi proposta din l-installazjoni.. Għalhekk nhux minnu li ppruvat tingħata l-impressjoni li s-Sindku qabel ma din il-proposta u approva dawn il-pjanti.

Għaldaqstant is- Sindku ser jagħmel appuntament mal-avukat tal-Kunsill biex jieħu parir legali f'dan ir-rigward u titteħed l-azzjoni neċessarja.

67.3.4 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill kopja ta' draft Bye-Law li jirregolarizza l-ammont ta' karozzini li fiha jkunu jistgħa joperaw ġewwa l-Mdina. Wara diskussjoni ġie deċiz li għandhom jiġu rranġati xi klawsoli ta' din il-Bye Law u la darba tkun kompluta tintbgħat lill-Ministru għal approvazzjoni.

67.3.5 Is-Sindku ta aktar dettalji lill-Kunsill rigward il-konferenza li ser issir ġewwa Beijing, China bħala parti mill-Memorandum of Understanding li sar mal-belt ta' Dongcheng ġewwa Beijing u li għaliha ser jattendu bejn it- 18 u l- 21 ta' Settembru 2018.

**67.4 <u>Laqgħa ma' Latina Pictures</u>**

67.3.4 Saret laqgħa mar-rappreżentanti ta' Latina Pictures Limited li fiha ġiet diskussa l-possibilita' li jinġibed parti mill-film "Bharat", produzzjoni Indiana ta' Bollywood Productions. Dan il-ġbid ser isir bejn it-18 u l-20 ta' Awwissu 2018. Il-Kunsill approva din it-talba u ser isiru l-arranġamenti neċċessarji.

**67.5 <u>Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet</u>**

67.5.1 Talba mill-Arcidjoċesi ta' Malta biex fl-okkazjoni tal-Ordinazjoni episkopali ta' Mgr. Joseph Galea Curmi tintuza Pjazza ta' l- Arċisqof għal-riċeviment nhar is- Sibt 4 ta' Awwissu 2018. Il-Kunsill approva.

67.5.2 Is-SE infurma lill-Kunsill li rċieva mid- Dipartiment għal Gvern Lokali biex ssir laqgħa mad-Direttur fuq l-Izbilanċ Finanzjarju għas-sena li għalqet 2017.

67.5.3 Is-SE infurma lill-Kunsill li rċieva email mill- Awtorita' ta' L-Ppjanar fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli kollha li b'effett immedjat. huma ser jibdew jiġu nfurmati meta' x-xogħolijiet jkunu ser jibdew warav li jkun ġie approvat il-permess.

**67.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

67.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-18 ta’ Lulju 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 17,044.72

67.6.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**67.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

67.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, il-laqgħa ntemmet fl-9.am u ġiet aġġornata għat-22 ta' Awwissu 2018 fit-9am

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 22-08-2018_______